

**Dispożittiv**

- 1) Billi imponiet kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-aċċess għall-professjoni ta' nutar, l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 49 TFUE.
- 2) L-Ungerija hija kkundannata għall-ispejjeż.
- 3) Ir-Repubblika Ċeka għandha tbatlha l-ispejjeż tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 302, 14.9.2015

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-1 ta' Frar 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Supreme Court of the United Kingdom – ir-Renju Unit) – Secretary of State for Work and Pensions vs Tolley**

(Kawża C-430/15) (<sup>1</sup>)

**(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Sigurtà soċjali — Regolament (KEE) Nru 1408/71 — Element tad-dipendenza tal-allowance tas-sussistenza għal persuni b'diżabbiltà (disability living allowance) — Persuna assigurata kontra r-riskju tax-xjuħija li tkun waqfet definittivament kull attività professjonali — Kunċetti ta' "benefiċċju tal-mard" u ta' "benefiċċju tal-invalidità" — Esportabbiltà)**

(2017/C 104/25)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Qorti tar-rinviju**

Supreme Court of the United Kingdom

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: **Secretary of State for Work and Pensions**

Konvenuta: Tolley

**Dispożittiv**

- 1) Benefiċċju bħall-element tad-dipendenza tal-allowance tas-sussistenza għal persuni b'diżabbiltà (disability living allowance) jikkostitwixxi benefiċċju tal-mard fis-sens tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familji tagħhom li jiċċaqilqu fil-Komunità, fil-verżjoni tiegħu emendata u aġġornata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97, tat-2 ta' Diċembru 1996, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 307/1999 tat-8 ta' Frar 1999.
- 2) L-Artikolu 13(2)(f) tar-Regolament Nru 1408/71, fil-verżjoni tiegħu emendata u aġġornata bir-Regolament Nru 118/97, kif emendat bir-Regolament Nru 307/1999, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-fatt li persuna kisbet drittijiet għal pensjoni tax-xjuħija permezz tal-kontribuzzjonijiet imħallsa matul perijodu partikolari lill-iskema ta' sigurtà soċjali ta' Stat Membru ma jipprekludix li l-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat Membri tista' sussegwentement tiegħu mill-kun applikabbli għal din il-persuna. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina, fir-rigward ta' ċirkustanzi tat-tilwima mressqa quddiemha u tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali applikabbli, f'liema mument din il-leġiżlazzjoni waqfet milli tkun applikabbli għal din il-persuna.
- 3) L-Artikolu 22(1)(b) tar-Regolament Nru 1408/71, fil-verżjoni tiegħu emendata u aġġornata bir-Regolament Nru 118/97, kif emendat bir-Regolament Nru 307/1999, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-leġiżlazzjoni tal-Istat kompetenti tissuġġetta l-benefiċċju ta' allowance bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali għal kundizzjoni ta' residenza u ta' preżenza fit-territorju ta' dan l-Istat Membru.

- 4) L-Artikolu 22(1)(b) u l-Artikolu 22(2) tar-Regolament Nru 1408/71, fil-verzjoni tiegħu emendata u aġġornata bir-Regolament Nru 118/97, kif emendat bir-Regolament Nru 307/1999, għandhom jiġu interpretati fis-sens li persuna li ssib ruħha f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali żżomm id-dritt li tirċievi l-benefiċċji intiżi f'din l-ewwel dispożizzjoni wara li tkun ittrasferixxiet ir-residenza tagħha fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat kompetenti, bil-kundizzjoni li hija tkun kisbet awtorizzazzjoni għal dan il-għan.

<sup>(1)</sup> ĠU C 320, 28.9.2015.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tad-9 ta' Frar 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Finanzgericht Bremen – il-Ġermanja) – Madaus GmbH vs Hauptzollamt Bremen**

(Kawża C-441/15) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tariffa doganali komuni — Klassifikazzjoni tariffarja — Nomenklatura Magħquda — Intestaturi 3824 90 97 u 2106 90 92 — Prodott fil-forma ta' trab li jikkonsisti minn karbonat tal-kalċju (95 %) u minn lamtu mmodifikat (5 %))*

(2017/C 104/26)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Finanzgericht Bremen

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Madaus GmbH

Konvenuta: Hauptzollamt Bremen

**Dispożittiv**

In-Nomenklatura Magħqud li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [...], fil-verzjoni tagħha li tirriżulta mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni Nru 1001/2013, tal-4 ta' Ottubru 2013, għandha tiġi interpretata fis-sens li prodott, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, użat għall-finijiet tal-manifattura ta' pilloli tal-kalċju fil-forma ta' pilloli sempliċi, ta' pilloli li jinħallu fl-ilma u ta' pilloli li jintmagħdu, li jikkonsisti minn karbonat tal-kalċju ta' kostituzzjoni kimika ddefinita fil-forma ta' trab u, sabiex tiġi ffaċilitata l-manifattura ta' pilloli, minn lamtu mmodifikat miżjud, u li l-livell ta' lamtu tiegħu huwa iżgħar, bil-piż, minn 5 %, għandu jiġi kklassifikat fl-intestatura 2106 ta' din in-Nomenklatura.

<sup>(1)</sup> ĠU C 398, 30.11.2015.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas 26 ta' Jannar 2017 – Ir-Renju ta' Spanja vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-506/15 P) <sup>(1)</sup>

*(Appell — Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) — Infiq eskluż mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea — Regolamenti (KE) Nru 1698/2005, (KE) Nru 1975/2006 u (KE) Nru 796/2004 — Miżuri ta' appoġġ għall-iżvilupp rurali — Żoni ta' żvantaġġ naturali — Kontrolli fuq il-post — Koeffiċjent ta' densità tal-bhejjem — Għadd ta' annimali)*

(2017/C 104/27)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Appellant: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: A. Sampol Pucurull, aġent)